

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.7743 — Trailstone/E2M)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)****(2015/C 301/11)**

1. Fl-4 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha Trailstone UK Ltd ("Trailstone", ir-Renju Unit), finalment ikkontrollata minn Riverstone Holdings LLC ("Riverstone", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Energy2Market GmbH ("E2M", il-Ġermanja) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Trailstone hija kumpanija tal-loġistika u tal-ġestjoni tar-riskju attiva principally fis-setturi tal-enerġija u tal-prodotti bażiċi,
- Riverstone hija ditta ta' ekwità privata li tiffoka fuq l-investimenti fis-setturi tal-enerġija u tal-elettriku,
- E2M hija kummerċjant indipendent tal-elettriċità rinnovabbli li ġejja minn operaturi żgħar u ta' daqs medju ta' impjanti tal-enerġija mir-riħ, ix-xemx, l-ilma u l-bijomassa u attiva primarjament fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattamento ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ ta' min wieħed jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattamento skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-email lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7743 — Trailstone/E2M, fl-indirizz li ġej:

European Commission
 Directorate-General for Competition
 Merger Registry
 1049 Bruxelles/Brussel
 BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.